XEWKIJA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**Laqgħa Nru. *53/2016***

Data: Il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2016

Hin: 5.30 pm

Post: Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill

---

Preżenti: Sur *Paul Azzopardi – Sindku*
*Sur Domenic Zerafa – Viċi Sindku*
*Sur Hubert Saliba – Kunsillier*
*Sur George Zammit – Kunsillier*
*Sna Jeanella Attard - Kunsillier*

*Sna Odette Camilleri – Agent Segretarju Ezekuttiv*

Skużati: n/a

Assenti: n/a

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza
5. Bord ta' l-Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv;
6. Librerija;
7. Ġemellaġġ Modica;
8. Fiori d'Arġenta;
9. Ftuħ ta' Latrini Pubbliċi;
10. Jum ix-Xewkija;
11. Karnival 2017;
12. Kunċert tal-Banda *Manuel Theatre;*
13. Offerta ta' l-*Urban Greening;*

14. Materji oħra;

15. Approvazzjoni tal-Pagamenti;

16. Aġġornament.

# Minuti – *53/2016*

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Minuti tal-laqgħa 51/2016 ġew approvati u ffirmati fil-preżenza tal-membri.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

2.1 Ma tqajmu ebda punti mill-minuti

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku nforma lil preżenti illi ħarġet skema ġdida ta' kif ser jibda' jinġabar l-iskart mid-djar fejn liema skema ġiet imħabbra mill-Wasteserv. *Waste Serv*

## 4. Korrispondenza

4.1 Emejl mill-Kumitat Olimpiku Malti sabiex il-Kunsill jieħu sehem fil-MOC *Sports Awards*. *MOC Sports Awards*

4.2 Cirkulari Nru 19/2016 – Sħubija fil-*local Action Groups (LAGs)*- Sabiex qabel ma Kunsill jissieħeb ma' wieħed minn dawn il-gruppi għandu jikseb il-permess tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. *Cirkular19/2016*

4.3 Cirkulari Nru 20/2016 – Inizjattiva Finanzjarja għal Kumitati Reġjonali – Pjan Ekonomiku, Soċjali u Kulturali għall-Komunita' fuq Livell Reġjonali. *Cirkulari 20/2016*

4.4 Cirkulari Nru 21/2016 – Konvenzjoni dwar il-Qasam Soċjali fil-Komunita' u l-programm ta' taħriġ Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar. *Cirkulari 21/2016*

4.5 Cirkulari Nru 22/2016 – Tqegħed jew Depożitu ta' Stekkat (*Boundary Wall)* – Fejn kull Kunsill għandu jimxi mar-regolamenti meħmuża maċ-ċirkulari. *Cirkulari 22/2016*

4.6 Cirkulari Nru 23/2016 – Servizzi provduti mill-MITA lill-Kunsilli Lokali *Cirkulari 23/2016*

4.7 Cirkulari Nru 24/2016 – Inizjattiva ta' Taħriġ dwar *Stress Management* *Cirkulari 24/2016*

4.8 Cirkulari Nru 25/2016 – Sejħiet għall-Offerti li jinkludu Aċċessibilita' – fejn kull tip ta' talba ta' xiri ta' oġġetti jew servizzi, fejn japplika għandhom ikunu skond l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards maħruġa mill-KNPD *Cirkulari 25/2016*

4.9 Cirkulari Numru 26/2016 – Kampanja *Pink October 2016* – sabiex il-Kunsill jipparteċipa f'din il-kampanja. Peress li l-Kunsill ma għandux binja fil-qalba tar-raħal, il-Kunsill mhux ser jieħu sehem. *Cirkulari 26/2016*

4.10 Cirkulari Numru 27/2016 – Skema ta' Finanzjament: Proħġetti Kapitali – Iffirmar ta' Kuntratti – Is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv għandhom jiffirmew kuntratt mad-Dipartiment mal-Gvern Lokali f'dan ir-rigward. *Cirkulari 27/2016*

## 5. Bord ta' l-Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv

5.1 Il-laqgħa ġiet sospiża fis-6.00pm biex tiġi diskussa din il-materja fejn kien hemm preżenti s-Segretarju tal-Bord ta' l-Għażla. Il-laqgħa tkompliet fis-6.20pm.

## 6. Librerija

6.1 Is-Sindku nforma lil membri illi jekk il-Kunsill ma jingħatax xi post simili fl-istess *area* b'iktar spazju ma jistgħax ikun favur illi jċedi u jitlaq il-post fejn preżentament hemm il-librerija. Kompla jgħid li l-post fejn tinsab il-librerija preżenti ġie devolut lil Kunsill u għalhekk għandhom isiru diskussjonijiet mal-persuni konċernati fejn l-Kunsill ikun jista' jara l-proposti tagħhom sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill.

## 7. Ġemellaġġ Modica

7.1 Is-Sindku rringrazzja lil kull min ta sehem sabiex l-ġemellaġġ sar kif mistħoqq. Qal li mhux biss sar ftehim mal-Belt ta' Modica iżda dan il-ġemellagg ħa dimensjoni differenti li hu bbażat fuq l-isports, il-kultura, l-agrikoltura u t-turiżmu. Is-Sindku qal li d-delegazzjoni kellha laqgħa mal-Ministru Dr Edward Zammit Louis u il-Ministru Dr Anton Refalo fejn l-Ministri ukoll ġew mistiedna uffiċċjalment flimkien mal-Kunsill mis-Sindku ta' Modica u kompla jgħid li persważ li ġemellaġġ bħal dan ser iħalli l-frott. Is-Sindku rringrazzja ukoll lil Aġent Seg. Eżekuttiv Odette Camilleri talli ħadmet fuq din il-ħaġa li kienet ikbar mill-limitazzjonijiet li kellha.

## 8. Fiori d'Argenta

8.1 Is-Sindku propona sabiex Fiori d'Argenta għas-sena 2017 issir għal ħabta ta' Mejju flok fi Qtugħ ir-Ras ta' San Gwann u issir mal-*musical* li ser jittella' fil-Knisja. Il-Kunsilliera Hubert Saliba u Jeanelle Attard ma qablux mal-proposta tas-Sindku peress li qalu li Fiori d'Argenta tibdel is-sens tagħha jekk ma ssirx ma Qtugħ ir-Ras. Il-membri qablu li qabel ma tittieħed deċiżjoni meta għandha issir, l-Kunsill japplika taħt l-iskema ta' Inizjattivi Kulturali li tiġi imnedija mid-Dipartiment għal Gvern Lokali u l-Kunsill japplika għal *musical,* il-Karnival u Fiori d'Argenta.

## 9. Ftuħ ta' Latrini Pubbliċi

9.1 Il-membri qablu li l-ftuħ uffiċċjali tal-latrini pubbliċi ta' Pjazza San Gwann Battista u ta' Blankas għandu jsir fis-27 ta' Novembru 2016.

## 10. Jum ix-Xewkija

10.1 Il-membri qablu li fis-27 ta' Novembru għandha issir quddiesa ta' ringrazzjament kif ukoll l-ftuħ uffiċċjali tal-latrini pubbliċi u kunċert mill-Banda. Nhar is-26 ta' Novembru tittella' serata fis-sala ta' l-iskola.

## 11. Karnival

11.1 Il-membri qablu li l-Kunsill japplika taħt l-iskema ta' Inizjattivi Kulturali li tiġi imnedija mid-Dipartiment għal Gvern Lokali

## 12. Kunċert tal-Banda *Manuel Theatre*

12.1 Il-membri qablu li l-kunċert mis-Soċjeta' Filarmonika Prekursur li ser jitella' fit-Teatru Manwel fil-11 ta' Diċembru 2016 għandhu jitella' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jħallas l-materjal pubbliċitarju u l-ispejjeż loġistiċi imbasta ma tinqabiżx is-somma ta' €1000. Dan il-kunċert ser jagħmel unur kbir lil lokalita' tax-Xewkija peress li issa banda Għawdxija imiss li tagħti s-sehem tagħha f'dan il-kunċert ser ikun fis-sena 2043.

## 13. Offerta ta' l-*Urban Greening*

13.1 Il-membri qablu li għandha ssir laqgħa mal-Kuntrattur ta' l-*Urban Greening* u qablu li isiru żewġ *pots* kbar maġenb iz-zuntier tal-Knisja.

## 14. Materji oħra

14.1 Il-membri qablu li għandha issir bozza ġdida fi Triq Antonino Saliba u Triq it-Taflija. *Bozzoz ġodda*

14.2 Is-Sna Jeanelle Attard proponiet sabiex issir talba lil Kumitat għall-Ismijiet tat-toroq sabiex l-isem ġdid li taw Daħla Toni Camilleri minflok 'Daħla' tinbidel għal 'Triq'. *Daħla Toni Camilleri*

14.3 Is-Sna Jeanelle Attard proponiet sabiex isir ftit *patching* fi Triq il-Knisja. Il-Viċi Sindku kompla li għandha issir dawra mar-raħal u jsir *patching* kull fejn hemm bżonn. *Patching*

14.4 Il-Viċi Sindku propona sabiex jerġa jinqata l-ħaxix fi Triq tal-Heliport u jinġabar ukoll iż-żibel. Propona wkoll li inżebgħah l-STOP li kien hemm quddiem il-Kunsill u r-*road hump* li kienet ġiet approvata minn Transport Malta flok tas-siment issir tal-lasktu. *Haxix u road hump*

14.5 Is-Sur Hubert Saliba talab sabiex jinġabar il-koċċ trab li hemm fi Triq ir-Rotunda. Is-Sur Saliba propona sabiex isir *single yellow line* fi Triq Zakkarija faċċata ta' Triq San Pawl peress li meta jipparkjaw il-karozzi ma jkunux jistgħu jidħlu għal din it-triq bil-kumdita'. Il-membri qablu. Propona wkoll sabiex isir *park* tal-klieb fi Gnien il-Ħaddiem. Talab ukoll sabiex issir *STOP sign* fi Triq Jean de la Vallette kantuniera ma Triq Hamrija. *Sinjali tat-traffiku u park tal-klieb*

14.6 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri illi tkissru xi globi mill-*playing field* tal-Barmil u għalhekk talab sabiex isiru CCTV *cameras* u titwaħħal tabella fejn hemm il-*bring-in sites.* *Playing field tal-Barmil*

14.7 Is-Sur George Zammit talab sabiex teħel tabella tal-ħmieġ tal-klieb fejn is-*central strip* ta' Triq il-Hamrija. *Tabella*

14.8 Is-Sna Jeanelle Attard staqsiet x'ġara rigward il-monti li kellu jibda' jarma fix-Xewkija. Is-Sindku wieġeb illi intalbet laqgħa mal-*hawkers* iżda qatt ma taw data lil Kunsill. *monti*

## 15. Approvazzjoni tal-pagamenti

15.1 Iċ-ċedola tal-pagamenti nru 11-53 ġiet approvata.

## 16. Aġġornament

16.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45 ta' fil-għaxija. Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għat-Tnejn, 31 t'Ottubru 2016 fil-5.30 ta' fil-għaxija.

**IFFIRMATA**
***Paul Azzopardi***
*Sindku*

Data: 31. 10. 2016

**IFFIRMATA**
***Odette Camilleri***
Aġent *Segretarju Eżekuttiv*